IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa Pubblika Annwali tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru LPA/01/2018**

**4 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex nhar il-Ħamis, 4 ta' Jannar 2018 fl-4.00 ta' filgħaxija. Għal din il-laqgħa kienu mistednin il-membri kollha tal-Kunsill, iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u l-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjura Carmen Said – Sindku kienet skużata minħabba li ma tiflaħx.
Is-Sur Paul Curmi – Kunsillier kien skużat minħabba li ma jiflaħx.
Is-Sinjorina Sonja Abela – Kunsillier kienet skużata minħabba impenji ta' xogħol.

**ASSENTI**

Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU PREŻENTI**

Pubbliku preżenti kien hemm persuna waħda (1).

**Minuti**

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia.

### 01.1 Rendikont tar-Rapport tax-Xogħlijiet li saru mill-Kunsill matul l-2017

01.1.1 Il-Viċi Sindku spjega kif is-sena 2017 kienet sena diffiċli minħabba li s-Sindku mardet f'nofs is-sena u bħalissa qed imexxi hu fl-assenza tagħha.

### 01.2 *Budget* għas-sena 2018 u l-Pjanijiet tal-Proġetti

01.2.1 Il-Viċi Sindku spjega kif ser ikun imqassam il-*budget* għas-sena 2018.

01.2.2 Il-Viċi Sindku informa lil dawk preżenti li bħala proġetti hemm ippjanat li jitranġaw ix-*shelters* tal-Pjazza tal-Knisja, jiġi restawrat it-Torri tax-Xlendi u jitħawlu siġar fil-*pots* tax-Xlendi.

### 01.3 Suġġerimenti, Ilmenti u Kumplimenti mill-Pubbliku Preżenti

01.3.1 Il-persuna mill-pubbliku preżenti lmentat dwar ċint ta' filata li waqa' 'l isfel fi Triq Ras Il-Bajjada. Hija tixtieq li l-Kunsill jibnih.

Hija ssuġġeriet li l-Kunsill jorganizza aktar ħarġiet, speċjalment għal Malta.

Hija tixtieq li ssir *bus shelter* għall-*bus stop* ta' quddiem id-dar tagħha fi Triq il-Kalkara tal-Ġir.

Il-laqgħa pubblika ntemmet fl-4.20 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Robert Mallia<br>Viċi Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |